Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

25 ta' Ottubru 2012*

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE — Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim ŻEE — Taxxa fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli — Kumpanniji ta' investiment residenti u mhux residenti — Withholding tax — Imputazzjoni tal-withholding tax — Eżenzjoni tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli — Diskriminazzjoni — Ġustifikazzjonijiet"

Fil-Kawża C-387/11,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE, ippreżentat fid-19 ta' Lulju 2011,

**Il-Kummissjoni Ewropea**, irrappreżentata minn W. Mölls u C. Soulay, bħala aġenti, b'indirizz għan-notifika fil-Lussemburgu,

rikorrenti,

vs

**Ir-Renju tal-Belġju**, irrappreżentat minn J.-C. Halleux u M. Jacobs, bħala aġenti,

konvenut,

sostnut minn:

**Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq**, irrappreżentat minn S. Behzadi-Spencer, bħala aġent,

intervenjent,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, li qed jaġixxi bħala President tal-Ewwel Awla, A. Borg Barthet, E. Levits (Relatur), J.-J. Kasel u M. Berger, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet

* Lingwa tal-kawża: il-Franċiż.

tagħti l-preżenti

## Sentenza

1 Permezz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li, billi żamm fis-seħħ regoli differenti dwar it-tassazzjoni fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli skont jekk dawn jinġabrux minn kumpanniji ta' investiment Belġjani jew minn kumpanniji ta' investiment barranin, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 49 u 63 TFUE kif ukoll l-Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992 (ĠU 1994, L 1, p. 3, iktar 'il quddiem il-"Ftehim ŻEE").

### Il-kuntest ġuridiku Belġjan

2 L-Artikolu 1 tal-Kodiċi dwar it-taxxa fuq id-dħul tal-1992 (iktar 'il quddiem is-"CIR 1992") jipprovdi:

"§ 1. Huma stabbiliti bħala taxxi fuq id-dħul:

1 taxxa fuq id-dħul globali tal-abitanti tar-Renju, imsejħa taxxa fuq il-persuni fiżiċi;

2 taxxa fuq id-dħul globali tal-kumpanniji residenti, imsejħa taxxa fuq il-kumpanniji;

3 taxxa fuq id-dħul ta' persuni ġuridiċi Belġjani oħra li ma humiex kumpanniji, imsejħa taxxa fuq il-persuni ġuridiċi;

4 taxxa fuq id-dħul ta' persuni mhux residenti, imsejħa taxxa fuq il-persuni mhux residenti.

§ 2. It-taxxi jinġabru permezz ta' withholding fil-limiti u għall-kundizzjonijiet previsti fit-Titolu VI, Kapitolu 1".

#### *Is-sistema fiskali applikabbli għall-kumpanniji ta' investiment residenti fil-Belġju*

3 Mill-Artikolu 179 tas-CIR 1992 jirriżulta li l-kumpanniji residenti, jiġifieri l-kumpanniji li għandhom l-uffiċċju rreġistrat, is-sede prinċipali jew is-sede ta' tmexxija jew ta' amministrazzjoni fil-Belġju, huma suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji.

4 B'hekk, l-Artikolu 185(1) tas-CIR 1992 jippreċiża li dawn tal-aħħar huma taxxabbli fuq l-ammont totali ta' qligħ, inklużi d-dividendi mqassma.

5 L-Artikolu 185 bis(1) tas-CIR 1992 jipprovdi, madankollu, li l-kumpanniji ta' investiment "huma taxxabbli biss fuq l-ammont totali ta' vantaġġi mhux normali jew volontarji rċevuti u tal-ispejjeż u tal-piżijiet mhux deduċibbli bħala spejjeż professjonali għajr għal deprezzament ta' valur u telf fuq azzjonijiet jew ishma, madankollu mingħajr preġudizzju għas-suġġettar tagħhom għall-kontribuzzjoni speċjali prevista fl-Artikolu 219."

6 F'dan ir-rigward, l-Artikolu 219 tas-CIR 1992 jipprovdi kontribuzzjoni separata stabbilita, b'mod partikolari, minħabba l-ispejjeż tal-kumpannija, jiġifieri kummissjonijiet, senseriji, skontijiet kummerċjali jew oħrajn, li ma humiex iġġustifikati bil-preżentazzjoni ta' riċevuti individwali u minn dikjarazzjoni fil-qosor, kif ukoll minħabba benefiċċji moħbija, jiġifieri l-benefiċċji rikonoxxuti mill-amministrazzjoni li ma humiex inklużi fir-riżultat tal-kontabbiltà tal-kumpannija.

7 Abbażi tal-Artikoli 249 u 261 tas-CIR 1992, it-taxxa fuq il-kumpanniji tinġabar permezz ta' withholding fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli rċevut mill-abitanti tar-Renju tal-Belġju, mill-kumpanniji residenti kif ukoll mill-persuni taxxabbli suġġetti għat-taxxa fuq il-persuni mhux residenti li għandhom stabbiliment fil-Belġju.

8 L-Artikolu 269 tas-CIR 1992 jiffissa l-withholding tax għal 15 % fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli u għal 25 % fuq id-dividendi.

9 L-Artikolu 276 tas-CIR 1992 jipprovdi:

"It-taxxi previsti fl-Artikolu 1 għandhom jitħallsu sa fejn huwa indikat iktar 'il quddiem, permezz ta' imputazzjoni tat-taxxa fuq l-immobbli, tal-withholding tax u tat-taxxa professjonali, tal-kwota fissa ta' taxxa barranija u tal-kreditu ta' taxxa."

10 L-Artikolu 279 tas-CIR 1992 jippreċiża:

"Bħala withholding tax, huwa imputat l-ammont tal-withholding tax stabbilit skont l-Artikolu 269."

11 It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 304(2) tas-CIR 1992 jipprovdi:

"Fil-konfront tal-kumpanniji residenti, l-eċċess eventwali tal-withholding tax, imsemmi fl-Artikolu 279 [...] huwa imputabbli, jekk applikabbli, fuq il-kontribuzzjonijiet separati stabbiliti skont l-Artikoli 219 u 219 bis, u ż-żejjed jiġi rritornat jekk dan jilħaq EUR 2.50."

*Is-sistema fiskali applikabbli għall-kumpanniji ta' investiment mhux residenti fil-Belġju*

12 Abbażi tal-Artikoli 227 u 228 tas-CIR 1992, il-kumpanniji barranin kif ukoll l-assoċjazzjonijiet, stabbilimenti jew kwalunkwe organizzazzjoni mingħajr personalità ġuridika li huma kkostitwiti taħt forma ġuridika analoga għal dik ta' kumpannija rreġistrata taħt id-dritt Belġjan u li ma għandhomx l-uffiċċju rreġistrat, is-sede prinċipali jew is-sede ta' tmexxija jew ta' amministrazzjoni fil-Belġju, huma suġġetti għat-taxxa fuq il-persuni mhux residenti, miġbura esklużivament fuq id-dħul magħmul jew miġbur fil-Belġju u li huwa taxxabbli.

13 Dawn id-dispożizzjonijiet huma applikabbli għall-kumpanniji mhux residenti bi stabbiliment li jinsab fit-territorju Belġjan.

14 Skont l-Artikolu 294 tas-CIR 1992, il-withholding tax hija imputabbli fuq it-taxxa fuq il-persuni mhux residenti.

15 Fir-rigward tal-kumpanniji mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fit-territorju Belġjan, l-Artikolu 248 tas-CIR 1992 jipprovdi li t-taxxa li tikkonċerna d-dħul mhux imsemmi fl-Artikoli 232 sa 234 tas-CIR 1992 hija ugwali għal diversi withholdings u għall-kontribuzzjoni speċjali msemmi fl-Artikolu 301 tas-CIR 1992.

**Il-proċedura prekontenzjuża u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja**

16 Peress li qieset li r-regoli tat-tassazzjoni tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli magħmul minn kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fit-territorju Belġjan huma inqas favorevoli minn dawk li jirrigwardaw it-tassazzjoni tad-dħul ta' kumpanniji ta' investiment stabbiliti fil-Belġju, fis-17 ta' Ottubru 2008 l-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni lill-awtoritajiet Belġjani, fejn enfasizzat l-inkompatibbiltà ta' din il-leġiżlazzjoni mal-Artikoli 49 TFUE, 54 TFUE u 63 TFUE.

17 Billi l-awtoritajiet Belġjani ma rrispondewx din l-ittra, fl-4 ta' Ġunju 2010 l-Kummissjoni bagħtet opinjoni motivata lir-Renju tal-Belġju, fejn ħeġġet lil dan l-Istat Membru sabiex jikkonforma ruħu ma' dawn l-Artikoli f'terminu ta' xahrejn li jibda jiddekorri min-notifika ta' din l-opinjoni.

18 Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposta mogħtija mill-awtoritajiet Belġjani, fis-17 ta' Settembru 2010 l-Kummissjoni ddeċidiet li tippreżenta dan ir-rikors.

19 Permezz ta' digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Jannar 2012, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq ġie ammess bħala intervenjenti insostenn tat-talbiet tar-Renju tal-Belġju.

**Fuq ir-rikors**

*Fuq l-eżistenza ta' restrizzjonijiet għad-dispożizzjonijiet tat-TFUE*

L-argumenti tal-partijiet

20 Il-Kummissjoni targumenta li d-differenza bejn it-tassazzjoni ta' kumpanniji ta' investiment residenti u dik ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fit-territorju Belġjan, twassal għal differenza fit-trattament ta' dawn iż-żewġ tipi ta' kumpanniji li tikkostitwixxi ksur tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE.

21 Fil-fatt, għalkemm id-dħul ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' kontributuri huma mgħobbija bl-istess mod bil-withholding tax fuq l-interessi, madankollu l-kumpanniji residenti jibbenefikaw minn sistema iktar favorevoli.

22 Minn naħa, l-Artikolu 185 bis tas-CIR 1992 jipprovdi eżenzjoni ta' dan it-tip ta' dħul u jillimita t-tassazzjoni ta' kumpanniji residenti għal ċerti ipoteżi eċċezzjonali kif ukoll għall-kontribuzzjoni separata, prevista fl-Artikolu 219 tas-CIR 1992.

23 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 304 tas-CIR 1992 joħloq mekkaniżmu li jinnewtralizza l-withholding tax imħallsa f'ras il-għajn. Fil-fatt, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 304(2) jippermetti li l-eċċess eventwali ta' dan il-withholding jiġi imputat fuq il-kontribuzzjonijiet separati dovuti skont l-Artikolu 219 tas-CIR 1992, kif ukoll li jiġbor iż-żejjed sakemm jilħaq EUR 2.50.

24 Skont il-Kummissjoni, din id-differenza fit-trattament tikkostitwixxi ostakolu għall-moviment liberu tal-kapital kif ukoll restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment. Fil-fatt, billi tirriżerva biss għall-kumpanniji residenti l-fakoltà ta' imputazzjoni tal-withholding tax fuq it-taxxa dovuta minnhom u billi teżenta d-dħul minn kapital u minn beni mobbli li huma jiġbru, il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħmel l-investiment f'kumpanniji Belġjani inqas attraenti għall-kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju.

25 Ir-Renju tal-Belġju, filwaqt li jirrikonoxxi li teżisti differenza fit-trattament bejn is-sistema ta' tassazzjoni tal-kumpanniji residenti u dik tal-kumpanniji mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju jenfasizza li dawn iż-żewġ kategoriji ta' kumpanniji jinsabu f'ċirkustanzi ta' liġi u ta' fatt oġġettivament differenti li jiġġustifikaw tali differenza fit-trattament.

26 Fl-ewwel lok, il-kumpanniji residenti huma suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji skont l-Artikoli 185, 185 bis u 219 tas-CIR 1992. Dwar il-kumpanniji mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, fir-rikors tagħha l-Kummissjoni ma tagħmel ebda differenzjazzjoni skont is-sistema fiskali li għaliha dawn huma suġġetti fl-Istat ta' residenza tagħhom. Fil-fatt, fl-Istati fejn dawn ma humiex suġġetti għal taxxa fuq id-dħul jew meta l-profitti tagħhom ikunu eżenti, il-kumpanniji mhux residenti ma humiex f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' kumpanniji residenti.

27 Fit-tieni lok, il-Kummissjoni naqset milli ssemmi l-fatt li l-ammont imħallas bħala withholding tax jista' jiġi imputat fuq l-ammont dovut bħala taxxa fuq il-kumpanniji jew bħala taxxa fuq il-persuni mhux residenti, jew rimborsat, f'dak li jirrigwarda rispettivament il-kumpanniji residenti jew il-kumpanniji mhux residenti li għandhom stabbiliment fiss fil-Belġju, biss taħt ċerti kundizzjonijiet u taħt ċerti limiti, b'mod partikolari previsti fl-Artikoli 281 u 282 tas-CIR 1992.

28 Fit-tielet lok, ir-Renju tal-Belġju jenfasizza li l-fondi komuni ta' investiment irregolati mid-dritt Belġjan ma humiex ikkunsidrati bħala entitajiet ġuridiċi distinti u, inkwantu tali, ma humiex suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji. Għalhekk, il-withholding tax imposta fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli attribwit għal dawn il-fondi huwa definittivament miġbur bl-istess mod bħal dak tal-kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju.

29 Fir-raba' lok, jekk ikollha tiġi kkonstatata sitwazzjoni ta' tassazzjoni doppja fuq id-dħul ta' dawn il-kumpanniji mhux residenti, din is-sitwazzjoni hija l-konsegwenza tan-nuqqas ta' armonizzazzjoni tal-liġijiet fiskali tal-Istati Membri, sa fejn huwa ġeneralment aċċettat li l-Istat ta' residenza huwa bħala prinċipju, obbligat li jinnewtralizza tali taxxa doppja.

30 Fil-ħames lok, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-kumpanniji ta' investiment jaġixxu bħala intermedjarji finanzjarji f'isem investituri. Issa, jekk wieħed kellu jqabbel is-sitwazzjoni tal-azzjonisti, għandu neċessarjament jikkonstata differenzi kumplessi.

31 Fis-sitt lok, il-metodu ta' ġbir tat-taxxa huwa differenti fil-każ ta' kumpanniji residenti u ta' kumpanniji mhux residenti. Fl-ewwel każ, it-taxxa hija stabbilita skont ir-rôle [lista uffiċjali stabbilita mill-awtoritajiet pubbliċi], filwaqt li fit-tieni każ hija stabbilita permezz ta' withholding.

32 Fis-seba' lok, billi l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti jeżerċitaw l-attivitajiet tagħhom ta' ġestjoni kollettiva ta' assi f'pajjiż barrani, dawn mhux neċessarjament iwettqu l-istess operazzjonijiet bħall-kumpanniji ta' investiment residenti, jiġifieri, pereżempju, id-distribuzzjoni tal-azzjonijiet fil-Belġju, mingħajr offerta pubblika.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

– Fuq l-applikabbiltà tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE

33 Preliminarjament, billi l-Kummissjoni tallega ksur kemm tal-Artikolu 49 TFUE kif ukoll tal-Artikolu 63 TFUE minn-naħa tar-Renju tal-Belġju, għandu jitfakkar li, sabiex isir magħruf jekk liġi nazzjonali taqax taħt waħda jew oħra minn dawn il-libertajiet fundamentali, għandu jittieħed inkunsiderazzjoni l-għan tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, tal-24 ta' Mejju 2007, Holböck, C-157/05, Ġabra p. I-4051, punt 22; tas-26 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-326/07, Ġabra p. I-2291, punt 33, tal-11 ta' Novembru 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-543/08, Ġabra p. I-11241, punt 40, u tal-10 ta' Novembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, C-212/09, Ġabra p. I-10889, punt 41).

34 F'dan ir-rigward, hija ġurisprudenza stabbilita li leġiżlazzjoni nazzjonali li hija intiża sabiex tapplika biss għall-ishma li jippermettu li tiġi eżerċitata influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet ta' kumpannija u li jiġu determinati l-attivitajiet tagħha, taqa' taħt id-dispożizzjonijiet tat-Trattat dwar il-libertà ta' stabbiliment (ara s-sentenzi, tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in the FII Group Litigation, C-446/04, Ġabra p. I-11753, punt 37, u tal-21 ta' Ottubru 2010, Idryma Typou, C-81/09, Ġabra p. I-10161, punt 47). Min-naħa l-oħra, dispożizzjonijiet nazzjonali li japplikaw għal ishma adottati biss bl-intenzjoni li jsir investiment finanzjarju mingħajr l-intenzjoni li jkun hemm impatt fuq it-tmexxija u l-kontroll tal-impriża għandhom jiġu eżaminati esklużivament fid-dawl tal-moviment liberu tal-kapital (sentenza tal-15 ta' Settembru 2011, Accor, C-310/09, Ġabra p. I-8115, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).

35 Hemm lok li jiġi kkonstatat li, f'dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ma huwiex eskluż li d-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni jistgħu jaffettwaw kemm il-libertà ta' stabbiliment kif ukoll il-moviment liberu tal-kapital. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE.

— Fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 63(1) TFUE

36 Għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, għalkemm it-tassazzjoni diretta taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, dawn tal-aħħar għandhom madankollu jeżerċitaw din il-kompetenza fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, tat-12 ta' Diċembru 2006, Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, C-374/04, Ġabra p. I-11673, punt 36; tat-8 ta' Novembru 2007, Amurta, C-379/05, Ġabra p. I-9569, punt 16; tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-540/07, Ġabra p. I-10983, punt 28; tat-3 ta' Ġunju 2010, Il-Kummissjoni vs Spanja, C-487/08, Ġabra p. I-4843, punt 37, u tal-20 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-284/09, Ġabra p. I-9879, punt 44).

37 B'mod partikolari, huwa kull Stat Membru li għandu jorganizza, fl-osservanza tad-dritt tal-Unjoni, is-sistema tiegħu ta' tassazzjoni tal-profitti mqassma u li għandu jiddefinixxi, f'dan il-kuntest, il-bażi taxxabbli kif ukoll ir-rati ta' tassazzjoni li japplikaw għall-azzjonist benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 50; Test Claimants in the FII Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq punt 47; tal-20 ta' Mejju 2008, Orange European Smallcap Fund, C-194/06, Ġabra p. I-3747, punt 30; tas-16 ta' Lulju 2009, Damseaux, C-128/08, Ġabra p. I-6823, punt 25, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 45).

38 F'dan il-każ, huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni Belġjana tissuġġetta għall-withholding tax id-dividendi u l-interessi mqassma minn kumpannija stabbilita fil-Belġju kemm lill-kumpanniji ta' investiment residenti fl-istess Stat Membru kif ukoll lill-kumpanniji ta' investiment li għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fi Stat Membru ieħor. Madankollu, fir-rigward tad-dividendi u l-interessi mqassma lill-kumpanniji ta' investiment stabbiliti fil-Belġju, dawn huma eżenti mit-taxxa fuq il-kumpanniji inkwantu dħul minn kapital u minn beni mobbli, abbażi tal-Artikolu 185 bis tas-CIR 1992. Barra minn hekk, it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 304(2) tas-CIR 1992 ma jippermettix biss l-imputazzjoni tal-withholding tax fuq it-taxxa fuq il-kumpanniji dovuta minn dawn il-kumpanniji ta' investiment, iżda jippermetti saħansitra l-ġbir tad-differenza bejn l-ammont tal-witholding f'ras il-għajn u t-taxxa effettivament dovuta sakemm din id-differenza tilħaq EUR 2.50. L-istess japplika abbażi tal-ħames subparagrafu tal-Artikolu 304(2) tas-CIR 1992 f'dak li jirrigwardja l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti iżda suġġetti għat-taxxa fuq il-persuni mhux residenti skont l-Artikolu 233 tas-CIR 1992, jiġifieri, dawk li għandhom stabbiliment fiss fil-Belġju. Minn dan isegwi li l-kumpanniji ta' investiment residenti jistgħu ma jkunu suġġetti għal ebda piż fiskali li jirriżulta mill-withholding tax fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli li jirċievu minn kumpanniji Belġjani.

39 Għalkemm huwa minnu li d-dritt għal eżenzjoni u għal imputazzjoni mogħti lill-kumpanniji ta' investiment residenti huwa suġġetta għal ċerti kundizzjonijiet u limiti, b'mod partikolari dawk previsti fl-Artikoli 281 u 282 tas-CIR 1992, jibqa' xorta waħda l-fatt li tali għażla ma hijiex rikonoxxuta għall-kumpanniji ta' investiment mhux residenti u li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, u li, għalhekk, il-withholding tax miġbura fuq id-dħul minn kapital u minn beni mobbli li dawn il-kumpanniji tal-aħħar jirċievu mingħand kumpanniji Belġjani li fihom huma jkunu għamlu investiment tikkostitwixxi, skont l-Artikolu 248 tas-CIR 1992, tassazzjoni definittiva.

40 Konsegwentement, għandu jiġu kkonstatat li l-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana tistabbilixxi trattament fiskali sfavorevoli tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli magħmul mill-kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, meta mqabbel mad-dħul magħmul minn kumpanniji ta' investiment residenti jew mhux residenti li għandhom stabbiliment fiss fil-Belġju.

41 Madankollu, ir-Renju tal-Belġju jargumenta li, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni, kumpannija ta' investiment residenti tinsab f'sitwazzjoni differenti minn dik ta' kumpannija ta' investiment mhux residenti li ma għandhiex stabbiliment fiss f'dan l-Istat Membru.

42 Għal dan il-għan għandu jitfakkar li, skont l-Artikolu 65(1)(a) TFUE, "[l]-Artikolu 63 [TFUE] ma jippreġudikax id-dritt li għandhom l-Istati Membri [...] li japplikaw id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni fiskali tagħhom li jistabbilixxu distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli li ma jinsabux fl-istess sitwazzjoni f'dak li jirrigwarda r-residenza tagħhom jew il-post fejn ikun investit il-kapital tagħhom".

43 Sa fejn tikkostitwixxi deroga mill-prinċipju fundamentali tal-moviment liberu tal-kapital, din id-dispożizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni stretta. Għaldaqstant, ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kull leġiżlazzjoni fiskali li tagħmel distinzjoni bejn il-persuni taxxabbli skont il-post fejn ikunu residenti jew skont l-Istat fejn jinvestu l-kapital tagħhom hija awtomatikament kompatibbli mat-Trattat (ara s-sentenzi, tal-11 ta' Settembru 2008, Eckelkamp *et*, C-11/07, Ġabra p. I-6845, punt 57; tat-22 ta' April 2010, Mattner, C-510/08, Ġabra p. I-3553, punt 32; tal-10 ta' Frar 2011, Haribo Lakritzen Hans Riegel u Österreichische Salinen, C-436/08 u C-437/08, Ġabra p. I-305, punt 56, kif ukoll tal-10 ta' Mejju 2012, Santander Asset Management SGIIC *et*, C-338/11 sa C-347/11, punt 21).

44 Fil-fatt, id-deroga prevista fl-imsemmija dispożizzjoni hija fiha nnifisha limitata mill-Artikolu 65(3) TFUE li jipprovdi li d-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 65(1) TFUE "m'għandhomx jikkostitwixxu mezz ta' diskriminazzjoni arbitrarja jew restrizzjoni moħbija fuq il-moviment liberu ta' kapital u ħlasijiet kif definit fl-Artikolu 63".

45 Għalhekk, id-differenzi fit-trattament awtorizzati mill-Artikolu 65(1)(a) TFUE għandhom jiġu distinti mid-diskriminazzjonijiet ipprojbiti mill-Artikolu 65(3) TFUE. Issa, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, sabiex leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali tkun tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mad-dispożizzjonijiet tat-trattat dwar il-moviment liberu tal-kapital, jeħtieġ li d-differenza fit-trattament tikkonċerna sitwazzjonijiet li ma humiex oġġettivament paragunabbli jew li tkun iġġustifikata minn raġuni imperattiva ta' interess ġenerali (ara s-sentenzi, tas-6 ta' Ġunju 2000, Verkooijen, C-35/98, Ġabra p. I-4071, punt 43; tas-7 ta' Settembru 2004, Manninen, C-319/02, Ġabra p. I-7477, punt 29; tal-1 ta' Diċembru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju, C-250/08, Ġabra p. I-12341, punt 51, kif ukoll Santander Asset Management SGIIC *et* iċċitata iktar 'il fuq, punt 23).

46 F'dan ir-rigward, ir-Renju tal-Belġju jinvoka diversa evidenza li tikkonferma d-differenza f'sitwazzjonijiet bejn il-kumpanniji ta' investiment residenti u l-kumpanniji mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju.

47 Fl-ewwel lok, huwa stabbilit li l-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni hija maħsuba li tevita t-tassazzjoni żejda tad-dħul ta' kumpanniji ta' investiment fid-dawl tal-kwalità tagħhom bħala intermedjarji bejn il-kumpanniji li huma jinvestu fihom u l-azzjonisti ta' dawn il-kumpanniji ta' investiment.

48 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fir-rigward tal-miżuri stabbiliti minn Stat Membru sabiex jipprevjeni jew inaqqas is-sensiela ta' taxxi jew it-taxxa doppja ekonomika fuq profitti mqassma minn kumpannija residenti, il-kumpanniji benefiċjarji residenti mhux neċessarjament jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' kumpanniji benefiċjarji residenti fi Stat Membru ieħor (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55 u l-ġurisprudenza ċċitata).

49 Madankollu, mill-mument meta Stat Membru, b'mod unilaterali jew permezz ta' ftehim, jissuġġetta għat-taxxa fuq id-dħul mhux biss lill-kumpanniji residenti, iżda anki lill-kumpanniji mhux residenti, fir-rigward tad-dħul li huma jirċievu mingħand kumpannija residenti, is-sitwazzjoni tal-imsemmija kumpanniji mhux residenti toqrob lejn dik tal-kumpanniji residenti (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata).

50 Fil-fatt, huwa s-sempliċi eżerċizzju minn dan l-istess Stat tal-kompetenza fiskali tiegħu li, indipendentement minn kull tassazzjoni fi Stat Membru ieħor, jagħti lok għal riskju ta' sensiela ta' taxxi jew it-taxxa doppja ekonomika. F'tali każ, sabiex il-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jiġux issuġġettati għal restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63 KE, l-Istat ta' residenza tal-kumpannija li tiddistribwixxi d-dividendi għandu jiżgura li, meta mqabbla mal-mekkaniżmu stabbilit mid-dritt nazzjonali tiegħu għall-prevenzjoni jew għat-tnaqqis ta' sensiela ta' taxxi jew ta' taxxa doppja ekonomika, il-kumpanniji mhux residenti jiġu ssuġġettati għal trattament ekwivalenti għal dak li jibbenefikaw minnu l-kumpanniji residenti (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, punt 70; Amurta, punt 39; tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 53; Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 52, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 57).

51 Issa, f'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li r-Renju tal-Belġju għażel li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fuq id-dħul magħmul minn kumpanniji ta' investiment residenti fi Stati Membri oħra. Konsegwentement, il-kumpanniji mhux residenti benefiċjarji ta' dan id-dħul jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik tal-kumpanniji residenti f'dak li jikkonċerna r-riskju ta' impożizzjoni ta' sensiela ta' taxxi fuq dħul minn kapital u minn beni mobbli, b'tali mod li l-kumpanniji benefiċjarji mhux residenti ma jistgħux jiġu ttrattati diversament mill-kumpanniji benefiċjarji residenti (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 53, u, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 58).

52 Din il-konstatazzjoni ma hijiex ikkonfutata mill-argument tar-Renju tal-Belġju li jgħid li l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti benefiċjarji ta' dħul minn kapital u minn beni mobbli li joriġina minn kumpanniji Belġjani ma humiex suġġetti għal piż fiskali ogħla minn dak ta' kumpanniji ta' investiment residenti abbażi tal-Artikolu 219 tas-CIR 1992.

53 Fil-fatt, minn naħa, fir-rigward tat-tariffa fiskali indotta mill-ħlas tal-kontribuzzjoni speċjali prevista fl-imsemmi Artikolu 219 tas-CIR 1992, li huma suġġetti għaliha biss il-kumpanniji ta' investiment residenti, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, trattament fiskali sfavorevoli li jmur kontra waħda mil-libertajiet fundamentali ma jistax jitqies bħala kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni minħabba l-eżistenza ta' benefiċċji oħra, dejjem jekk tali benefiċċji jkunu jeżistu (sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 71 u l-ġurisprudenza ċċitata).

54 Għaldaqstant, ir-Renju tal-Belġju ma jistax jinvoka dan l-element bħala kriterju ta' distinzjoni sabiex jiġġustifika differenza fit-trattament bejn il-kumpanniji ta' investiment residenti u l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti.

55 Fir-rigward, min-naħa l-oħra, tal-mekkaniżmi ta' ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, l-ewwel nett għandu jiġi rrilevat li l-applikazzjoni tal-metodu tal-imputazzjoni għandha tippermetti li t-taxxa fuq id-dħul miġbura fil-Belġju tiġi imputata kompletament fuq it-taxxa dovuta fl-Istat fejn hija residenti l-kumpannija ta' investiment benefiċjarja, b'tali mod li, jekk id-dħul minn kapital u minn beni mobbli magħmul minn din il-kumpannija kellu finalment jiġi ntaxxati iktar mid-dħul mgħoddi lill-kumpanniji stabbiliti fil-Belġju, dan il-piż fiskali ikbar jista' ma jiġix attribwita lir-Renju tal-Belġju iżda lill-Istat fejn hija stabbilita l-kumpannija benefiċjarja li eżerċita s-setgħa ta' tassazzjoni tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 60, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 67).

56 It-tieni nett, għandu jiġi ppreċiżat li l-għażla, fl-Istat Membru l-ieħor, li d-dħul li ġej mill-Belġju jew tal-livell li bih dan id-dħul jiġi ntaxxat, ma tiddipendix mir-Renju tal-Belġju, iżda mill-metodi ta' tassazzjoni stabbiliti mill-Istat Membru l-ieħor (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq, Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 64, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 69).

57 Ir-Renju tal-Belġju ma jistax, konsegwentement, isostni b'mod validu li l-imputazzjoni tat-taxxa mħallsa fil-Belġju fuq it-taxxa dovuta fl-Istat Membru l-ieħor, skont il-ftehim dwar ħelsien minn taxxa doppja, tippermetti f'kull każ li tiġi newtralizzata d-differenza fit-trattament li tirriżulta mill-applikazzjoni

tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali jew ta' dawk tal-imsemmija ftehim li għandhom l-effett li jnaqssu r-rata tat-taxxa li tirriżulta mill-withholding tax (ara s-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq tad-19 ta' Novembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, punt 39; Il-Kummissjoni vs Spanja, punt 64, u Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 70).

58 Fit-tieni lok, ir-Renju tal-Belġju jenfasizza li, fir-rigward tal-leġiżlazzjoni fiskali inkwistjoni, il-bażi ta' paragun tal-Kummissjoni hija żbaljata. Għalhekk, qabel xejn, minħabba n-natura partikolari tagħhom, il-kumpanniji ta' investiment mhux residenti jinsabu f'sitwazzjoni paragunabbli għal dik ta' fondi komuni ta' investiment Belġjani u mhux għal dik ta' kumpanniji ta' investiment residenti. Sussegwentement, l-attivitajiet tal-kumpanniji ta' investiment residenti huma differenti minn dawk ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti. Fl-aħħar nett, għandha tittieħed inkunsiderazzjoni s-sistema fiskali applikata għall-azzjonisti f'kumpanniji ta' investiment residenti u ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju.

59 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjoni ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti ma' fondi komuni ta' investiment Belġjani, għandu jiġi rrilevat li, għalkemm tal-ewwel għandhom personalità ġuridika, dan ma jgħoddx fil-każ tat-tieni. Għalhekk, ir-Renju tal-Belġju ma jistax jargumenta li s-sitwazzjoni ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti għandha tiġi pparagunata ma' dik ta' fondi komuni ta' investiment, għall-unika raġuni li l-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana tittratta dawn iż-żewġ kategoriji ta' persuni taxxabbli, li inċidentalement ma għandhomx l-istess forma ġuridika, b'mod identiku.

60 Barra minn hekk, għandu jiġi enfasizzat li l-argumentazzjoni ta' dan l-Istat Membru hija bbażata fuq il-premessa li tgħid li l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti huma eżenti mit-taxxa fl-Istat ta' stabbiliment tagħhom.

61 Issa, mil-leġiżlazzjoni Belġjana jirriżulta li l-impożizzjoni ta' withholding tax fuq id-dħul tal-kumpannija benefiċjarja ma tiddependix fuq l-eżenzjoni eventwali tat-taxxa fuq il-kumpanniji li minnha tibbenefika din il-kumpannija. Għaldaqstant, il-fatt li l-fondi komuni ta' investiment Belġjani huma entitajiet fiskalment trasparenti li ma humiex, bħala tali, suġġetti għat-taxxa fuq il-kumpanniji, ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li s-sitwazzjoni ta' kumpanniji ta' investiment mhux residenti ma hijiex paragunabbli għal dik ta' kumpanniji ta' investiment residenti.

62 It-tieni nett, fir-rigward tal-attivitajiet ta' kumpanniji ta' investiment residenti u ta' dawk tal-kumpanniji ta' investiment mhux residenti, għandu jiġi kkonstatat li l-argumentazzjoni tar-Renju tal-Belġju hija inqas intiża li tenfasizza d-differenzi intrinsiċi bejn dawn l-attivitajiet milli l-fatt li dawn tal-aħħar huma eżerċitati fi Stati Membri differenti.

63 F'dan ir-rigward, dan l-Istat Membru jitlaq mill-premessa li l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti jindirizzaw biss azzjonisti li ma humiex residenti fil-Belġju.

64 Madankollu, ma jistax jiġi eskluż li kumpannija ta' investiment mhux residenti toffri s-servizzi tagħha lill-investituri residenti, b'tali mod li effettivament hija twettaq l-istess attivitajiet bħal kumpannija ta' investiment residenti.

65 It-tielet nett, fir-rigward tal-allegata ħtieġa li tittieħed inkunsiderazzjoni s-sistema fiskali applikata għall-azzjonisti, għandu jitfakkar li meta leġiżlazzjoni nazzjonali tistabbilixxi kriterju ta' distinzjoni għat-tassazzjoni ta' dħul iddistribwit, l-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet għandha ssir b'mod li jittieħed inkunsiderazzjoni dan l-imsemmi kriterju (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 28).

66 F'dan il-każ, minn naħa, l-Artikolu 185 bis tas-CIR 1992 jipprovdi, madankollu, għall-benefiċċju biss tal-kumpanniji ta' investiment residenti, li dawn tal-aħħar għandhom jiġu ntaxxati biss fuq l-ammont totali ta' vantaġġi mhux normali jew volontarji rċevuti u tal-ispejjeż u tal-piżijiet mhux deduċibbli bħala

spejjeż professjonali. Min-naħa l-oħra, abbażi tal-Artikolu 248 u tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 304(2) tas-CIR 1992, il-withholding tax hija taxxa definittiva biss f'dak li jikkonċerna l-kumpanniji mhux residenti.

67 Fid-dawl tal-kriterju ta' distinzjoni stabbilit minn din il-leġiżlazzjoni, ibbażat biss fuq il-post ta' residenza tal-kumpannija ta' investiment, l-evalwazzjoni tal-paragunabbiltà tas-sitwazzjonijiet sabiex tiġi ddeterminata n-natura diskriminatorja jew nondiskriminatorja tal-imsemmija leġiżlazzjoni għandha ssir biss fil-livell tal-kumpannija ta' investiment (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Santander Asset Management SGIIC *et*, iċċitata iktar 'il fuq, punt 39).

68 Għalhekk, fid-dawl tal-osservazzjonijiet preċedenti, hemm lok li jiġi konkluż li d-differenza fit-trattament tad-dħul skont jekk jitħallasx lil kumpanniji ta' investiment residenti jew mhux residenti, hekk kif stabbilita mil-leġiżlazzjoni fiskali Belġjana, tista' tiddisswadi lill-kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra milli jagħmlu investimenti fil-Belġju u tista' wkoll tikkostitwixxi ostakolu għall-ġbir ta' kapital minn kumpanniji residenti mingħand kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri oħra.

69 Konsegwentement, l-imsemmija leġiżlazzjoni tikkostitwixxi restrizzjoni għal-moviment liberu tal-kapital, ipprojbita, bħala prinċipju, mill-Artikolu 63(1) TFUE.

Fuq il-ġustifikazzjonijiet tar-restrizzjonijiet

– L-argumenti tal-partijiet

70 Ir-Renju tal-Belġju jressaq żewġ raġunijiet li jistgħu jiġġustifikaw ir-restrizzjoni tal-moviment liberu tal-kapital li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni nazzjonali kkontestata.

71 L-ewwel nett, u sabiex jiġi żgurat it-tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri, ma jistax ikun mistenni mir-Renju tal-Belġju li jagħti lill-kumpanniji mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fit-territorju tiegħu, l-imputazzjoni tal-withholding miġbura fuq id-dħul tagħhom. Tali eżiġenza tkun effettivament tfisser li dan l-Istat Membru jiġi obbligat jirrinunzja milli jiġbor taxxi fuq id-dħul magħmul fit-territorju tiegħu.

72 It-tieni nett, il-limitazzjoni tad-dħul fil-kontijiet tal-witholding tax miġbura fil-konfront tal-kumpanniji mhux residenti hija ġġustifikata minn motivi ta' effettività tal-kontrolli fiskali. Sa fejn kumpanniji ta' investiment huma d-debituri legali tal-withholding tax fuq id-dividendi li huma jiddistribwixxu lill-azzjonisti, l-amministrazzjoni Belġjana ma tista' teżerċita l-ebda kontroll fuq dawn l-azzjonisti, peress li ma jirrisjedux fil-Belġju.

73 Il-Kummissjoni ssostni li ebda waħda mir-raġunijiet imressqa mir-Renju tal-Belġju ma tista' tiġġustifika d-differenza fit-trattament li teżisti bejn il-kumpanniji ta' investiment residenti u l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

74 Hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza ferm stabbilita, miżuri nazzjonali li jillimitaw il-moviment liberu tal-kapital jistgħu jkunu ġġustifikati b'mod partikolari minn raġunijiet imperattivi ta' interess ġenerali, bil-kundizzjoni, minn naħa, li ma teżisti l-ebda liġi ta' armonizzazzjoni tal-Unjoni li tipprovdi miżuri neċessarji sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni ta' dawn l-interessi u, min-naħa l-oħra, li dawn il-miżuri jkunu xierqa sabiex jiggarantixxu t-twettiq tal-għan imfittex minnhom u li ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħaq dan l-għan (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi, tat-23 ta' Ottubru

2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, C-112/05, Ġabra p. I-8995, punti 72 u 73; tal-1 ta' Lulju 2010, Dijkman u Dijkman-Lavaleije, C-233/09, Ġabra p. I-6649, punt 49, kif ukoll tal-20 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 74).

75 Fir-rigward, l-ewwel nett, tal-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni, għandu jitfakkar li tali ġustifikazzjoni tista' tiġi aċċettata meta, b'mod partikolari, is-sistema fiskali nazzjonali tkun intiża sabiex tipprevjeni aġir li jista' jippreġudika d-dritt ta' Stat Membru li jeżerċita l-kompetenza fiskali tiegħu fir-rigward tal-attivitajiet imwettqa fit-territorju tiegħu (ara s-sentenzi, tad-29 ta' Marzu 2007, Rewe Zentralfinanz, C-347/04, Ġabra p. I-2647, punt 42; tat-18 ta' Lulju 2007, Oy AA, C-231/05, Ġabra p. I-6373, punt 54; Amurta, iċċitat iktar 'il fuq, punt 58; tat-18 ta' Ġunju 2009, Aberdeen Property Fininvest Alpha, C-303/07, Ġabra p. I-5145, punt 66, kif ukoll tal-20 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 77).

76 Madankollu, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta wkoll li, meta Stat Membru jkun iddeċieda li ma jintaxxax lill-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fit-territorju tiegħu fir-rigward ta' dan it-tip ta' dħul, huwa ma jistax jinvoka l-ħtieġa li jiġi żgurat tqassim ibbilanċjat tas-setgħa ta' tassazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiġġustifika t-tassazzjoni tal-kumpanniji benefiċjarji stabbiliti fi Stat Membru ieħor (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Amurta, punt 59; Aberdeen Property Fininvest Alpha, punt 67, u tal-20 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, punt 78).

77 Issa, huwa stabbilit li l-kumpanniji ta' investiment residenti jibbenefikaw, fir-rigward tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli li huma jirċievu, min-newtralizzazzjoni tal-piż fiskali kkawżat mill-ġbir tal-withholding tax.

78 Ċertament, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li l-fatt li l-Istat fejn tirrisjedi l-kumpannija distributriċi jiġi meħtieġ jiżgura li l-profitti mqassma lil azzjonist mhux residenti ma jkunux suġġetti għal sensiela ta' taxxi jew għal taxxa doppja ekonomika, kemm jekk billi jeżenta dawn il-profitti mit-taxxa fir-rigward tal-kumpannija distributriċi jew billi jagħti lill-imsemmi azzjonist benefiċċju fiskali li jikkorrispondi għat-taxxa mħallsa fuq l-imsemmija profitti mill-kumpannija distributriċi, ikun fil-fatt ifisser li dan l-Istat għandu jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jintaxxa dħul iġġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tiegħu (ara s-sentenzi Test Claimants in Class IV of the ACT Group Litigation, iċċitata iktar 'il fuq, punt 59; tas-17 ta' Settembru 2009, Glaxo Wellcome, C-182/08, Ġabra p. I-8591, punt 83, u tal-20 ta' Ottubru 2011, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja, iċċitata iktar 'il fuq, punt 80).

79 Madankollu, f'dan il-każ, l-eżenzjoni tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli u l-imputazzjoni tal-withholding tax miġbura f'ras il-għajn mir-Renju tal-Belġju, mogħtija lill-kumpanniji stabbiliti fi Stat Membru ieħor u li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, fil-fatt ma jfissrux li dan l-Istat Membru għandu jirrinunzja għad-dritt tiegħu li jintaxxa dħul iġġenerat minn attività ekonomika eżerċitata fit-territorju tiegħu. Fil-fatt, id-dħul irċevut mill-kumpanniji residenti diġà huwa suġġett għat-taxxa fi ħdan il-kumpanniji distributriċi bħala profitti magħmula minnhom.

80 It-tieni nett, għalkem il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-ħtieġa li tiġi ggarantita l-effikaċja tal-kontrolli fiskali tikkostitwixxi raġuni imperattiva ta' interess ġenerali li tista' tiġġustifika restrizzjoni għall-eżerċizzju tal-libertajiet fundamentali ggarantiti mit-Trattat (ara s-sentenza Dijkman u Dijkman-Lavaleije, iċċitata iktar 'il fuq, punt 58), għandu bilfors jiġi kkonstatat, f'dan il-każ, li tali għan ma jistax jiġi invokat b'mod utli sabiex jiġġustifika r-restrizzjoni inkwistjoni.

81 Fil-fatt, huwa stabbilit li l-kumpanniji ta' investiment mhux residenti ma jistgħux, fl-ebda ċirkustanza, jibbenefikaw mill-eżenzjoni tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli fir-rigward tad-dħul li huma jirċievu minn kumpanniji Belġjani u lanqas mill-imputazzjoni jew mir-rimbors tal-withholding tax, u dan indipendentement mill-garanziji ta' kontroll fiskali li huma jistgħu jippreżentaw.

82 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi kkontestat li l-motivi invokati mir-Renju tal-Belġju ma jistgħux jiġġustifikaw ir-restrizzjoni għall-moviment liberu tal-kapital li tirriżulta mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża.

83 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li, billi żamm regoli differenti dwar it-tassazzjoni tad-dħul minn kapital u minn beni mobbli skont jekk dan id-dħul ġiex irċevut minn kumpanniji ta' investiment residenti jew minn kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 63 TFUE.

– Fuq in-nuqqas ta' twettiq tal-obbligi li jirriżultaw mill-Artikolu 49 TFUE

84 Fir-rigward tat-talba tal-Kummissjoni sabiex jiġi kkonstatat nuqqas ta' twettiq ta' obbligu min-naħa tar-Renju tal-Belġju abbażi tal-Artikolu 49 TFUE, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li l-kunsiderazzjonijiet magħmula fil-punti preċedenti għandhom japplikaw bl-istess mod meta kumpannija ta' investiment tkun irċeviet dħul abbażi ta' sehem li jagħtiha influwenza ċerta fuq id-deċiżjonijiet tal-kumpannija li hija tkun investiet fiha u li jippermettilha li tiddetermina l-attivitajiet tagħha.

85 Fil-fatt, l-effett tad-differenza fit-trattament ikkonstatata fil-punt 40 ta' din is-sentenza jista' jkun li jiġu skoraġġiti l-investituri potenzjali li, permezz ta' kumpannija ta' investiment residenti barra mill-pajjiż, jixtiequ jinvestu fil-kumpanniji Belġjani, sabiex ikollhom ċerta influwenza fuq id-deċiżjonijiet tagħhom u sabiex jiddeterminaw l-attivitajiet tagħhom.

86 Għalhekk, id-differenza fit-trattament magħmula mil-leġiżlazzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi restrizzjoni għal-libertà ta' stabbiliment ipprojbita mill-Artikolu 49 TFUE, li ma tistax tiġi ġġustifikata għar-raġunijiet esposti fil-punti 74 sa 81 ta' din is-sentenza.

87 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq isegwi li, billi żamm fis-seħħ regoli differenti dwar it-tassazzjoni ta' dħul minn kapital u minn beni mobbli skont jekk dawn jiġux irċevuti minn kumpanniji ta' investiment residenti jew minn kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 49 TFUE.

Fuq il-ksur tal-Ftehim ŻEE

88 Sa fejn id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim ŻEE għandhom l-istess portata ġuridika bħad-dispożizzjonijiet, li huma sostanzjalment identiċi, tal-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE (ara s-sentenzi tal-11 ta' Ġunju 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, C-521/07, Ġabra p. I-4873, punt 33, u tat-28 ta' Ottubru 2010, Établissements Rimbaud, C-72/09, Ġabra p. I-10659, punt 22), il-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha jistgħu, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-każ preżenti, jiġu trasposti *mutatis mutandis* għall-imsemmija Artikoli 31 u 40 ta' dan il-Ftehim.

Fuq l-effetti *ratione temporis* tas-sentenza matul iż-żmien

89 Ir-Renju tal-Belġju talab li, f'każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' r-rikors tal-Kummissjoni, l-effetti tas-sentenza jkunu limitati *ratione temporis* "sabiex tippermetti l-implementazzjoni effettiva tal-emendi kollha eventwali". Din il-limitazzjoni *ratione temoris* tal-effetti tas-sentenza hija ġġustifikata, minn naħa, mill-fatt li l-Istat Membru aġixxi *in bona fede* billi adotta d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jikkostitwixxu restrizzjonijiet ikkonstatati matul is-sena 2007 u, min-naħa l-oħra, mir-riskju ta' diffikultajiet serji li s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tista' tiġġenera.

90 Anki jekk jitqies li s-sentenzi mogħtija skont l-Artikolu 258 TFUE għandhom l-istess effetti bħal dawk mogħtija skont l-Artikolu 267 TFUE u li kunsiderazzjonijiet ta' ċertezza legali jistgħu jirrendu neċessarju, f'każijiet eċċezzjonali, il-limitazzjoni tal-effetti *ratione temporis* tagħhom, meta jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest

tal-Artikolu 267 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi, tas-7 ta' Ġunju 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-178/05, Ġabra p. I-4185, punt 67; tal-15 ta' Diċembru 2009, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-239/06, Ġabra p. I-11913, punt 59; Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-284/05, Ġabra p. I-11705, punt 58, Il-Kummissjoni vs L-Italja, C-387/05, Ġabra p. I-11831, punt 59, u tad-29 ta' Settembru 2011, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda, C-82/10, punt 63), jeħtieġ jiġi kkonstatat, fi kwalunkwe każ, li madankollu, ma jidhirx li dawn il-kundizzjonijet huma sodisfatti f'dan il-każ.

91 F'dan il-każ, huwa biżżejjed li jiġi kkonstata li għalkemm il-Gvern Belġjan ikkwantifikax b'mod approssimattiv l-ammonti indebitament miġbura mill-awtoritajiet Belġjani abbażi tal-leġiżlazzjoni kontenzjuża, huwa bl-ebda mod ma wera l-eżistenza ta' riskju ta' problemi ekonomiċi serji, filwaqt li din hija kundizzjoni essenzjali sabiex is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja jiġu llimitati ratione temporis.

92 Għaldaqstant, ma hemmx lok li din it-talba tintlaqa'.

**Fuq l-ispejjeż**

93 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li r-Renju tal-Belġju tilef, hemm lok li huwa jiġi ordnat ibati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4) ta' dan ir-Regolament, ir-Renju Unit, li intervjena fil-kawża, għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **Billi żamm fis-seħħ regoli differenti dwar it-tassazzjoni ta' dħul minn kapital u minn beni mobbli skont jekk dawn jiġux irċevuti minn kumpanniji ta' investiment residenti jew minn kumpanniji ta' investiment mhux residenti li ma għandhomx stabbiliment fiss fil-Belġju, ir-Renju tal-Belġju naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikoli 49 TFUE u 63 TFUE kif ukoll l-Artikoli 31 u 40 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, tat-2 ta' Mejju 1992.**

2) **Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.**

3) **Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.**

Firem